MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2008

Numru 13/1999

Il-Pulizija
(Supretendent Neil Harrison)

vs

Charles Steven Muscat

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 520835(m) akkuzat li f’dawn il-Gzejjer fis-16 ta’ Settembru 1995 u fl-ahhar gimghat qabel dina d-data:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/I mighajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939

ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) jew xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga imsemmija, minghajr ma’ kien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principal ital-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma’ kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma’ kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101;

2. wkoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma’ kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement ammendat u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101;

3. sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Lulju 1995;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-pieni skond il-ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-ordni u l-kont’ordni mahruga mill-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’traffikar u pussess tad-droga eroina kompriz fiz-zmien tas-16 ta’ Settembru 1995 u fl-ahhar gimghat qabel fejn allura kien qieghed detenut fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija minflokk l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u dana fil-kors ta’ proceduri ta’ kumpilazzjoni li kien ghaddej minnhom u li eventwalment intemmew f’proceduri quddiem guri li minnhom gie sentenzjat piena ta’ prigunerija fit-tul.

Illi fl-ahhar udjenza qabel din tal-lum l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka fl-udjenza tal-lum. Dina l-ammissjoni hija ghalhekk wahda volontarja u inkondizjonata u tattesta ghall-fatt illi fil-perjodu imsemmi fl-akkuza huwa assocja ruhhu ma’ persuni ohra sabiex tidahal d-droga eroina fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Mill-atti tal-process jirrisulta li l-persuna li ittentat iddahal id-droga il-habs gie issentenzjat u anki wehel perjodu ta’ prigunerija.

Ghal dik li hi piena l-Qorti ser tadotta dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta’ Lulju 1997 fil-kawza kontra Jason Dimech, liema kawza kienet tirreferi ghall-istess fatti ta’ din il-kawza, fejn dik il-Qorti kienet qalet li “bejn ir-reat ta’ traffikar u dak tal-pussess jezisti, f’dan il-kaz, in-ness tal-mezz ghall-fini skond il-paragrafu (h) tal-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk wiehed ghandu jimxi fuq il-piena ghar-reat aktar gravi li hu dak tat-traffikar..”. Applikat f’dan il-kaz il-piena li kienet tipprevali fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, igifieri s-sena 1995, il-massimu tal-piena ghat-traffikar kienet hames snin u l-minimu sitt xhur li f’dan il-kaz minhabba r-recidiva, ghal liema l-imputat wkoll qieghed jammetti, l-piena tista’ tizdied bi grad, voldiri ghall-massimu ta’ sitt snin u minimu ta’ seba’ xhur u dana kontemporanjament ghall-multa tassattivament applikabbli bl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 kif kien jaqra fl-1995.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 8, 22(2)(b)(i) tal-Kap 101, l-Artikolu 17, 49 u 50 tal-Kap 9 u ikkunsidrat kemm li l-imputat qieghed jiskonta piena ta’ prigunerija twila wkoll li r-reat jirrisali ghas-sena 1995, tiddecidi li tikkundannah tmien xhur priguneria u multa ta’ Lm200 ekwivalenti ghal 466 euro li fin-nuqqas ta’ hlas fi zmien xahar jigu konvertiti f’hmistax-il jum iehor ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------